



Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 36/19
Il-Lussemburgo, 20 ta' Marzu 2019

Stampa u Informazzjoni

Udjenza solenni tal-Qorti tal-Ġustizzja

Dħul fil-kariga ta' Membri ġodda tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali

Udjenza solenni tal-20 ta' Marzu 2019

Permezz ta' deċiżjoni tas-6 ta' Marzu 2019, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri ħatru, bħala Mħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja u għall-perijodu bejn it-12 ta' Marzu 2019 u s-6 ta' Ottubru 2024, lil Andreas Kumin, li qiegħed tieħu post Maria Berger.

Permezz ta' deċiżjoni tas-6 ta' Marzu 2019, u wara l-ħatra ta' Peter George Xuereb bħala Mħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja¹, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri ħatru, bħala Mħallef fil-Qorti Ġenerali, lil Ramona Frendo, li qiegħda tieħu post Peter George Xuereb għall-perijodu li għad fadal mill-mandat tiegħi, jiġifieri mit-12 ta' Marzu 2019 sal-31 ta' Awwissu 2019.

Illum ser tinżamm udjenza solenni tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-okkażjoni, minn naħħa, tal-waqfien mill-kariga u tat-tluq ta' Maria Berger, u, min-naħħa l-oħra, tad-dħul fil-kariga ta' Andreas Kumin u ta' Ramona Frendo.

L-udjenza solenni ser tīgi trażmessu direttament f'12.00 fuq is-sit aċċessibbli permezz tal-konnessjoni segwenti: <http://c.connectedviews.com/01/LiveMeetings/cdj>

Curricula vitae tal-Membri I-ġodda

Andreas Kumin

imwieled fl-1965; gradwat u dottorat fid-dritt mill-Università ta' Graz, I-Awstrijja (1990); gradwat fix-xjenzi tat-traduzzjoni mill-Università ta' Graz (1988); gradwat fl-amministrazzjoni pubblika mill-Iskola Nazzjonali tal-Amministrazzjoni, Franzia (1992); uffiċjal fis-Servizz Legali u fid-Direttorat Ġenerali tal-Politika ta' Integrazzjoni Ekonomika u Ewropea tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin, I-Awstrijja (1990-1994); konsulent mal-Missjoni Permanenti tal-Awstrijja għall-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti u tal-Istituzzjonijiet Speċjalizzati f'Genève, I-Isvizzera (1994-2000); Kap tal-Unità "Affarijiet Legali dwar I-Ewwel Pilastru tal-Unjoni Ewropea" fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin (2000-2005); professur fl-Istitut tad-Dritt Ewropew tal-Università ta' Graz (minn Ottubru 2014); Kap tad-Dipartiment tad-Dritt Ewropew tal-Ministeru Federali għall-Ewropa, għall-Integrazzjoni u għall-Affarijiet Barranin, I-Awstrijja (2005-2019); lecturer fl-Istitut tad-Dritt Ewropew u Internazzjonali tal-Università ta' Innsbruck, I-Awstrijja (mill-2007); lecturer anzjan fl-Iskola ta' Studji Għolja Internazzjonali ta' Vjenna, I-Awstrijja (mill-2012); awtur ta' diversi publikazzjonijiet; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-20 ta' Marzu 2019.

¹ Ara l-Istqarrija għall-istampa Nru [150/18](#).

Ramona Frendo

imwielda fl-1971; gradwata u dottorat fid-dritt mill-Università ta' Malta (1995); master fil-kriminoloġija mill-Università ta' Cambridge (1996); studji ta' wara l-ewwel grad fid-dritt Ewropew fil-King's College London (2018); avukat mal-kamra tal-avukati ta' Malta (1996-2019); espert legali fil-qrati ta' Malta (1997-2019); arbitru fiċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta (2006-2019); espert legali tal-Assoċjazzjoni Maltija tal-Assigurazzjoni (2006-2019); membru tal-Kummissjoni dwar l-Impjieg ta' Malta (2009-2019); konsulent legali fil-Ministeru għall-Protezzjoni Soċjali (1997-1998); membru tal-Kummissjoni Nazzjonali tal-Familja (2012-2013); membru tal-Kummissjoni għal Riforma Ħolistika fil-Qasam tal-Ġustizzja (2013); membru tal-Kummissjoni dwar ir-Riforma fis-Sistema Ġudizzjarja (2014-2016); President tal-grupp ta' ħidma "Viżei" matul il-Presidenza Maltija tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2016-2017); Imħallef fil-Qorti Ġenerali mill-20 ta' Marzu 2019.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355